MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Numru 667/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**JOHN CORTIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Cortis ta' 29 sena, bin Nazzareno u Carmela nee' Barbara, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23 ta' Awwissu, 1978, residenti fil-fond Ex-Military Barracks, l-Imtarfa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 392178M;

Akkzuat talli nhar is-6 ta' Lulju, 2007 ghall-habta tal-5pm, gewwa l-Bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' zewg basktijiet, b'ghadd ta' oggetti u flus, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Ramona Borg.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat John Cortis hati, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll lill-imputat ihallas is-somma ta' Lm250.00 (mitejn u hamsin lira maltin) lil Teddie Micallef, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------